MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 1829/2000/1

**Nikol Borg**

**v.**

**Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fis-

sens li l-azzjoni ta’ l-attur kienet perenta fit-termini ta’ l-Artikolu 469A(3) [1] tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Il-fatti, in kwantu jemergu mid-dikjarazzjonijiet guramentati annessi mac-citazzjoni u man-nota ta’ l-eccezzjonijiet u mid-dokumenti ezibiti, huma s-segwenti:

1. L-attur kien impjegat fis-servizz pubbliku u irtira bil-pensjoni fit-13 ta’ Dicembru 1999.
2. Illi bejn it-28 ta’ Marzu 1988 sal-25 ta’ Jannar 1996 huwa kien assenjat xoghol fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u l-grad tieghu kien fi Skala 9 fis-servizz pubbliku.
3. Meta l-attur sar eligibbli li jitla’ fi Skala 8, huwa kellu rapport negattiv minghand id-Direttur tieghu, u ghalhekk ma giex promoss. L-istess gara meta sar eligibbli li jitla’ fi Skala 7, u konsegwentement rega’ ma giex promoss.
4. Sussegwentement l-attur gie trasferit f’dipartiment iehor, il-Kummissjoni Permanenti ghar-Riforma fil-Ligi, u f’dan id-dipartiment gie dikjarat li kien qed jaghmel xoghol sodisfacenti u ghalhekk gie promoss ghal Skala 7, pero` b’effett mis-26 ta’ Frar 1997.
5. L-attur jippretendi li din il-promozzjoni kellha tinghatalu b’effett retroattiv minn meta, skond hu, kien l-ewwel darba eligibbli ghaliha.
6. L-attur beda proceduri quddiem l-Ombudsman kif ukoll quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, izda dawn il-proceduri ma kellhomx ezitu pozittiv ghalih.

Fil-kawza odjerna l-attur talab li l-ewwel Qorti tiddikjara illi huwa kien intitolat illi jidhol fl-iskala sebgha tas-servizz civili b’effett retroattiv u cioe` minn meta kien intitolat ghaliha u dan ghar-ragunijiet premessi.

Il-konvenut eccepixxa (u din il-Qorti ser tirriproduci biss l-ewwel eccezzjoni, peress li dan l-appell hu limitat proprju ghaliha):

[1] Art. 469A(3): “Kawza biex twaqqa’ eghmil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta’ jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b’dak l-eghmil amministrattiv.”

**“Illi preliminarjament, in kwantu hija azzjoni ta’ stharrig gudizzjarju ta’ atti amministrattivi, il-kawza hija perenta bid-dekorriment tat-terminu ta’ sitt xhur ai termini ta’ l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12.”**

## Is-sentenza appellata u l-appell

B’digrieti tal-11 ta’ Dicembru 2001, tas-7 ta’ Marzu 2002 u tat-30 ta’ Mejju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili halliet il-kawza ghad-decizjoni dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif inghad, b’sentenza tas-17 ta’ Ottubru 2002, dik il-Qorti qatghet il-vertenza billi fil-waqt li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u iddikjarat li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni tieghu fiz-zmien utli moghti lilu mil-ligi; astjeniet milli tqis it-tieni eccezzjoni; u helset lill-istess konvenut milli jibqa’ aktar fil-kawza, bl-ispejjez kontra l-attur.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:
“Illi din hi azzjoni li biha l-attur qieghed jitlob li jigi dikjarat li kien jisthoqqlu jitqieghed fi skala oghla minn dik li kien ufficjalment ihaddan ghal xi zmien waqt l-impjieg tieghu mal-Gvern. Huwa jfisser li ghalkemm kien jisthoqqlu jkun fi Skala Sebgha, inzamm ghal zmien u bla raguni tajba fi Skala Tmienja. Wara li ntbaghat jahdem f’dipartiment iehor, inghata l-promozzjoni ghal Skala Sebgha, imma mhux b’effett retroattiv. Hu qieghed jghid li l-promozzjoni messha nghatatlu b’effett retroattiv minn dak inhar li kien intitolat ghaliha fil-bidunett;

“Illi ghal din l-azzjoni, l-imharrek laqa’ billi ressaq eccezzjonijiet ta’ xejra preliminari, fosthom iz-zewg eccezzjonijiet taht ezami. Huwa qieghed jghid li l-attur ma ressaqx f’waqtha l-azzjoni tieghu, u wkoll li l-azzjoni ma tistax issir ghaliex l-attur kellu rimedju iehor x’jiehu, u li fil-fatt irrikorra ghalih, imma ma kellux ir-rizultat li jrid;

“Illi din is-sentenza sejra tqis l-imsemmija eccezzjonijiet, li huma t-tnejn mibnija fuq dak li jipprovdu l-artikolu 469A(3) u 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

"Illi, mill-provi li tressqu, jirrizulta li l-attur kien ufficjal pubbliku sa mill-1958. F'Novembru tal-1993, kien sar ftehim ta' riorganizzazzjoni fis-Servizz Civili u ghalkemm l-attur ippretenda li kellu jinghata gharfien fi Skala Sebgha, inghata fil-fatt gharfien fl-iskala li kien jokkupa qabel il-ftehim (jigifieri Skala Disgha). L-attur kien ressaq ilment quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, li cahad it-talba tieghu b'sentenza tal-25 ta' Novembru, 1998[2]. Fl-1999 l-attur irtira mis-servizz minhabba l-eta`. Fis-7 ta' Settembru, 2000, fetah din il-kawza;

"Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, l-imharrek jghid billi l-azzjoni tal-attur hija wahda ta' stharrig gudizzjarju ta' ghamil amministrattiv, ta bilfors irid japplika dak il jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap 12. Izid jghid li l-imsemmi artikolu, li jaghti gurisdizzjoni partikolari lill-Qrati civili li jiflu ghamil ta' awtorita` pubblika, jipprovdi li kull azzjoni ghandha tinbeda fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interress isir jaf jew seta' sar jaf b'ghamil amministrattiv mehud dwaru[3]. Dan it-terminu japplika f'kull kaz ta' stharrig gudizzjarju, ghajr fil-kazijiet fejn l-ghamil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni, f'liema kaz ma jidhirx li dak it-terminu ta' sitt xhur japplika. L-imharrek jghid li decizjoni dwar persuna ghar-rigward ta' jekk ghandhiex tinghata promozzjoni jew titjib fl-iskala li hija tgawdi fis-servizz taghha mal-Gvern tikkwalifika bhala ghamil amministrattiv li ma jsirx bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`. Hu jikkonkludi ghalhekk li billi d-decizjonijiet li ttiehdu dwar l-attur kienu maghrufa minnu hafna qabel sitt xhur minn meta fetah din il-kawza, jigi li huwa tilef il-jedd li jitlob lil din il-Qorti tistharreg l-ilment tieghu;

"Illi ghal dawn is-sottomissjonijiet, l-attur wiegeb billi qal lakonikament li l-artikolu 469A ma japplikax ghall-kaz tieghu u li billi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi hdan awtorita` pubblika ma tistax titqies bhala ghamil amministrattiv, it-talba maghmula minnu ma tistax tinkwadra ruhha fil-limitazzjonijiet imposti mill-imsemmi artikolu;

[2] Dok "A", f'pagg. 11 sa 21 tal-process
[3] Art 469A(3) tal-Kap 12

"Illi filwaqt li huwa minnu li t-tifsira tal-frazi "ghamil amministrattiv" teskludi haga maghmula b'ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ta' xi awtorita`, ma tfissirx ezatt x'jaqa' taht il-kliem "organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna". Madankollu, minn dak li wiehed jista' jara, il-partijiet hadu atteggament ghal kollox kontrastanti dwar dan. L-imharrek jghid li t-talba tal-attur hija wahda li tolqot ghamil amministrattiv li jaqa' fil-parametri tal-artikolu 469A(2), filwaqt li l-attur jeskludi li dan jista' jkun;

"Illi, min-naha l-ohra, tinholoq diffikulta` ohra b'konkluzjoni bhal din mehuda mill-attur, fis-sens li jekk l-ghamil jew nuqqas ta' decizjoni favorevoli ghalih invokati minnu fl-azzjoni tieghu m'huwiex "ghamil amministrattiv" ghall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12, allura bis-sahha ta' liema dispozizzjoni tal-ligi qieghed jersaq lejn din il-Qorti ghar-rimedju li jippretendi, ladarba hu l-artikolu 469A li jaghti gurisdizzjoni limitata u specjali lill-Qrati civili biex jistharrgu l-ghamil tal-awtorita` pubblika? Dan jinghad fid-dawl tat-tifsir li sar mill-Qrati taghna dwar l-ghan u l-parametri tal-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju[4], u b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda r-rabta ta' mpieg tal-ufficjal pubbliku[5];

"Illi, wara li hasbet fit-tul dwar dan l-aspett, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwestjoni sollevata mill-attur hija rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ghall-finijiet li jmorru lill hinn minn organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, ghaliex jirrigwardaw aspetti finanzjari jew retributtivi li l-attur, wara kollox, qieghed jimmira li jikseb jekk jinghata gharfien retrospettiv ghall-Iskala li jippretendi li ma nghatatlux f'waqtha;

"Illi issa l-Qorti tista' tghaddi biex tqis jekk l-eccezzjoni taht ezami hijiex misthoqqa. Din l-eccezzjoni tinbena fuq l-

---

[4] Ara App. Civ. **5.10.1998** fil-kawza fl-ismijiet **Vassallo vs Kummissarju tal-Pulizija** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.348)**

[5] Ara App. Civ **5.10.1998** fil-kawza fl-ismijiet **Magri vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.751**) u App. Civ. **9.2.2001** fil-kawza fl-ismijiet **Helen Borg et vs Il-Primi Ministru et** (mhix pubblikata).

ghamla ta’ azzjoni mibdija mill-attur li, kif inghad, hija azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta’ ghamil amministrattiv;

“Illi mill-provi li johorgu fl-atti tal-process s’issa jirrizulta li l-attur spicca mill-impjieg fl-1999 u l-kawza fetahha fis-7 ta’ Settembru, 2000. Qabel ma nfethet il-kawza, hu jghid li kien beda proceduri quddiem l-Ombudsman, quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u wkoll quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, imma b’rizultat li kien kontra t-talba tieghu. Huwa evidenti li, sa ma spicca mix-xoghol u rtira, ir-rimedju li kien qieghed jippretendi baqa’ ma nghatalux: ir-rimedju kien dak li jinghata gharfien retroattiv ghall-Iskala li kien ihaddan fil-waqt li rtira mix-xoghol;

“Illi huwa llum il-gurnata stabilit, li z-zmien ta’ sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wiehed ta’ dekadenza. Dan ifisser li tali terminu ma jigix interrott jew sospiz bhalma jsehh fil-kaz ta’ terminu ta’ preskrizzjoni. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-ligi, dak iz-zmien ta’ sitt xhur japplika gha dawk il-kazijiet ta’ stharrig gudizzjarju li jirreferu ghal eghmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-kaz ta’ stharrig ta’ eghmil amministrattiv li jinghad li jikser il-Kostituzzjoni;

“Illi m’hemmx dubju li miz-zewg fatti fuq imsemmija, l-attur kien jaf bid-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu dwar l-iskala li fiha kien meqjus li temm l-impjieg tieghu sa minn tal-anqas sena qabel ma fetah il-kawza tal-lum: jirrizulta wkoll li din id-decizjoni kien ikkontestaha ukoll, ghalkemm ma hallitlux ir-rizultat li xtaq. Minbarra dan, meta ntemm l-impjieg tieghu, fl-1999, l-artikolu 469A kien diga` dahal fis-sehh u kien ghalhekk disponibbli ghalih jekk xtaq rimedju u kien diga` stabbilit iz-zmien li llum l-imharrek qieghed iressaqlu bhala eccezzjoni;

“Illi, fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti ssib li z-zmien li l-attur kellu biex jitlob stharrig gudizzjarju tad-decizjoni amministrattiva dwar l-iskala xierqa tal-impjieg tieghu lahaq ghalq zmien qabel ma fetah il-kawza, u ghalhekk issib li din it-tieni eccezzjoni tal-imharrek hija misthoqqa;

“Illi ghalhekk m’huwiex il-kaz li tigi mistharrga wkoll l-eccezzjoni preliminari l-ohra dwar ir-ritwalita` tal-azzjoni attrici, ghaliex dan ikun ezercizzju bla bzonn u semplicement akkademiku, fic-cirkostanzi;”

L-attur appella minn din is-sentenza. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. L-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ma hux applikabbli ghal kaz odjern, stante li d-decizjoni odjerna hi mizura ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, u konsegwentement hi eskluza mill-ambitu ta’ l-istess artikolu.

2. L-Artikolu 469A japplika biss ghal stharrig gudizzjarju ta’ diskrezzjoni amministrattiva, u d-decizjoni li qed tigi impunjata ma hix wahda fejn giet ezercitata xi diskrezzjoni amministrattiva, imma d-decizjoni inghatat fil-kuntest tal-pattijiet kuntrattwali ezistenti bejn il-Gvern bhala principal u l-attur bhala l-impjegat.

3. L-attur appellant qieghed isofri mhux biss id-decizjoni originali, izda ma kull pensjoni li huwa jircievi kull xahar anqas minn dak dovut lilu, qed issir vjolazzjoni tal-pattijiet kontrattwali.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Qabel ma jigu kkunsidrati l-aggravji, tajjeb li jigi precizat x’inhu ezattament jippremetti u jitlob l-attur, ghax kif inhuwa risaput, in-natura ta’ l-azzjoni necessarjament titnissel mill-kliem adoperati fl-istess att ta’ citazzjoni u mit-talbiet. Fic-citazzjoni tieghu, l-appellant ighid li huwa kien impjegat fis-servizz civili u kellu l-kariga ta’ Principal Officer meta rtira bil-pensjoni fit-13 ta’ Dicembru 1999. Jghid ukoll illi waqt l-impjieg tieghu huwa kien intitolat ghal *increments* pero` ma sabx l-appogg tal-Kap tad-Dipartiment tieghu. Wara li gie transferit f’dipartiment iehor, u cioe` fil-Kummissjoni Permanenti ghar-Riforma fil-Ligi, huwa gie dikjarat illi kien qed jaghmel xoghol sodisfacenti u ghalhekk l-iskala li ma kienx inghata fid-

Dipartiment ta' qabel kienet giet moghtija lilu. Pero` huwa jikkontendi li l-promozzjoni kellha tinghatalu b'effett retroattiv, u ghalhekk huwa qieghed jikkontesta d-decizjoni ta' l-awtorita` kompetenti li ma taghtux l-imsemmija promozzjoni b'effett retroattiv.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkoncerna d-definizzjoni ta' eghmil amministrattiv fl-Artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12, liema definizzjoni tghid hekk: *"eghmil amministrattiv" tfisser* [6] *il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita` ..."*. Il-kontestazzjoni fil-kawza odjerna hija li fil-waqt li l-appellant jargumenta li d-decizjoni li qed jipprova jimpunja ttiehdet bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, u kwindi ma taqax fid-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" taht l-Artikolu 469A, l-appellat jinsisti l-pozizzjoni legali hija ezattament l-oppost.

Sfortunatament il-ligi ma tiddefinixxiex il-frazi *"organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna".* Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet ***Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru***, din il-Qorti irriteniet illi *"Ghalkemm huwa minnu li d-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' teskludi 'xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`', din l-eskluzjoni ma tirriferix ghal decizjoni bhal dik li qed jilmenta minnha l-appellant – cioe` jekk hu ghandux jinghata pensjoni skond il-grad li bih huwa spicca minn mac-civil jew il-grad ekwivalenti ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel – izda tirreferi biss, kif jindika l-uzu tal-kelma 'interna', ghal affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni ta' l-awtorita`, bhal per ez. tqassim ta' xoghol, orarji ta' xoghol, proceduri ta' kif isir ix-xoghol fi hdan dik l-awtorita`."*

[6] Ghad-divergenza bejn it-test malti u dak ingliz ta' din id-definizzjoni, ara is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tat-8 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet ***Carmelo Borg v. Il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et***.

In oltre jidher li fir-redazzjoni ta’ l-Artikolu 469A, il-legislatur kien in parti ispirat mill-pozizzjoni legali taht id-dritt amministrattiv franciz. Fil-fatt, mhux biss ir-ragunijiet li ghalihom jista’ wiehed jitlob stharrig gudizzjarju ta’ att amministrattiv huma simili, izda anki taht id-dritt amministrattiv Franciz, l-hekk imsejha *“mesures d’ordre interieur administratives”* ma jistghux jigu mistharrga mit-tribunali amministrattivi. L-awturi **L. Neville Brown** u **John S. Bell** fil-ktieb taghhom **French Administrative Law** (ed. 1993 pag. 154-155) jghidu hekk:

**“The French draw a distinction between *actes administratifs* and those measures which may be regarded as no more than the administration putting its own house in order. Such domestic ‘house-rules’ are described as measures of purely internal orgnisation within the administration (*mesures d’ordre interieur administratives*) and are not normally open to judicial review at all. Thus one cannot challenge a departmental circular giving advice (as distinct from directives) on the interpretation of a statute; nor an instruction about school uniform or curricula ... A similar attitude is taken towards disciplinary measures in the armed forces. ... ... But above a certain point the administrative measure may become, because of its gravity, an *acte administratif* within the cognizance of the administrative judge (see CE 26 January 1966 DAVIN, where the peremptory expulsion of a pupil from a state school was adjudged so grave a sanction as to fall outside the category of such ‘measures’, and to be an *acte administratif* open to judicial review).”**

Fil-fehma ta’ din il-Qorti d-decizjoni tal-konvenut li l-appellant Borg ma jinghatax il-promozzjoni b’effett immedjat ma hijiex mizura intiza ghal organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, stante li kif jghid l-appellat fir-risposta ta’ l-appell tieghu (fol. 61) l-kwistjoni dwar jekk persuna tavvanzax fil-karriera taghha fis-servizz pubbliku hija kwistjoni li primarjament tolqot lil dik il-persuna, u ma tikkoncernax l-amministrazzjoni interna per se. In oltre l-aspetti finanzjarji ta’ ghoti ta’ promozzjoni jew nuqqas ta’

tali ghotja huma ta’ certa importanza ghall-ufficjal pubbliku koncernat, u tali aspetti certament ma jisthoqqilhomx li jigu ekwiparati ma’ dawk ta’ mizura merament ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna.

Jidher ukoll li anki fi Franza decizjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta’ l-impjieg tal-persuni ingaggati fis-servizz civili ma humiex ikkunsidrati bhala mizuri ta’ amministrazzjoni interna, stante li dawn jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-tribunali amministrattivi. Fil-fatt, l-istess awturi **L. Neville Brown** u **John S. Bell** (*op.cit.* pag. 200*)* jghidu hekk:

**“Where administrative law is applicable, complaints by civil servants and other public servants about their salary rights, pensions, and entitlement to promotion take up a considerable amount of time of the administrative courts.”**

Fil-kuntest ta’ dan l-aggravju, l-appellant jghid ukoll li l-Artikolu 469A ma japplikax ghal kaz odjern ghax is-subinciz (6) tieghu, skond l-appellant *“… jaghmilha cara li l-impieg mal-gvern huwa regolat mod iehor, u ghalhekk l-artikolu* <u>*kollu*</u> *ma japplikax.”* Lanqas dan l-argument ma hu korrett. Kif gie ritenut fis-sentenza ***Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru*** (li diga` saret referenza ghaliha), *“kulma jaghmel dana s-subartikolu huwa li* <u>*jaghti direzzjoni*</u> *dwar x’ligi jew ligijiet huma applikabbli fir-rigward ta’ kundizzjonijiet ta’ impieg u ta’ servizz mal-Gvern ghall-fini ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni kemm ta’ l-Artikolu 469A kif ukoll ta’ kull disposizzjoni ta’ ligi ohra,* <u>*izda mhux*</u> *li jeskludi l-applikazzjoni ta’ l-istess Artikolu 469A ghal kull haga li tinvolvi servizz mal-Gvern.”*

Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

It-tieni aggravju huwa fis-sens illi l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 japplika biss ghal stharrig gudizzjarju ta’ diskrezzjoni amministrattiva, u skond l-appellant d-decizjoni li qed jimpunja ma hix wahda fejn giet ezercitata xi diskrezzjoni amministrattiva, imma d-decizjoni inghatat

fil-kuntest tal-pattijiet kuntrattwali ezistenti bejn il-Gvern bhala principal u l-impjegat. Issa, fl-ewwel lok, jigi rilevat li din id-distinzjoni li qed jipprova johloq l-appellant bejn decizjonijiet fejn tigi ezercitata xi diskrezzjoni amministrattiva, u decizjonijiet fejn ma tigix ezercitata tali diskrezzjoni ma ssib l-ebda riskontru fil-ligi. Kif inghad fis-sentenza ***Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru***, *supra*: *"(K)if jindika l-kliem tas-sub-titolu li fih jinsab l-Artikolu 469A, dana l-artikolu jipprovdi ghal 'Stharrig Gudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva' ('Judicial Review of Administrative Action', fit-test ingliz) u mhux ta' 'diskrezzjoni amministrattiva' ('administrative discretion')".* Minbarra dan, id-definizzjoni fuq kwotata ta' *"eghmil amministrattiv"* fl-Artikolu 469A(2) ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn dawn iz-zewg tipi ta' atti amministrattivi, u kif inhuwa risaput, *ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus"*. Ghalhekk, l-Artikolu 469A japplika ghal kull xorta ta' atti amministrattivi, kemm dawk fejn l-awtorita` pubblika hija moghtija diskrezzjoni kif ukoll fejn l-awtorita` pubblika ma gietx moghtija diskrezzjoni kif tagixxi, sakemm naturalment tali atti amministrattivi jaqghu fid-definizzjoni ta' *"eghmil amministrattiv"* kif provdut fl-Artikolu 469A(2), u *"hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi"* (l-ewwel parti ta' l-Artikolu 469A(1)).

Fl-ahharnett jigi rilevat illi hu evidenti mill-mod kif giet redatta c-citazzjoni li l-appellant qieghed jipprova jimpunja d-decizjoni ta' l-appellat li ma jaghtihx promozzjoni b'effett retroattiv, ghax hu isostni li kien intitolat ghaliha minn zmien qabel. Anki jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-ghotja tal-promozzjoni lill-appellant minghajr effett retroattiv tikkostitwixxi xi ksur ta' l-allegati obbligi kuntrattwali ta' l-appellat, tali allegat ksur jkun jammonta ghal ksur ta' ligi, ghax kif inhu risaput, l-obbligi kontrattwali ghandhom is-sahha ta' ligi bejn il-partijiet, u l-ksur ta' ligi hija kontemplata mill-istess Artikolu 469A(1)(b)(iv) bhala wahda mir-ragunijiet ghall-impunjazzjoni ta' decizjoni amministrattiva.

Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Fl-ahhar nett l-appellant jargumenta li hu qieghed isofri mhux biss minhabba d-decizjoni originali, izda ma kull pensjoni li huwa jircievi kull xahar anqas minn dak dovut lilu, qed issir vjolazzjoni tal-pattijiet kontrattwali. Fi kliem iehor, l-appellant qieghed jghid illi huwa qieghed isofri minn vjolazzjoni kontinwata tad-drittijiet tieghu.

Mill-provi li sa issa hemm fil-process, ma tirrizultax bil-preciz id-data li fiha l-appellant gie moghti l-promozzjoni mhux b'effett retroattiv kif minnu pretiz. Pero` certament li dan sar qabel ma l-appellant irtira mis-servizz f'Dicembru ta' l-1999, u l-probabbilita` hi li nghatat fl-1997 stante li hija kienet effettiva mis-26 ta' Frar 1997 (ara d-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut appellat a fol. 9). Il-kawza odjerna giet istitwita fis-7 ta' Settembru 2000. Jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss jitqies li din id-decizjoni li ma jinghatax il-pensjoni b'effett retroattiv ivvjolat xi dritt ta' l-appellant, tali allegata vjolazzjoni avverat ruhha appena giet moghtija d-decizjoni li l-promozzjoni ma tkunx mill-ewwel data li fiha huwa eligibbli ghaliha, u ma jistax jitqies li kien hemm xi vjolazzjoni kontinwata. Fi kliem iehor, il-vjolazzjoni tad-dritt pretiz mill-appellant kienet wahda istantanja. Dan ghaliex il-process ghall-promozzjoni gie finalizzat f'data qabel l-appellant irtira fl-1999, u d-decizjoni lamentata ittiehdet darba qabel din id-data. Naturalment, id-decizjoni li l-appellant ma jinghatax promozzjoni b'effett retroattiv kellha u ghad ghandha effett fuq id-dhul ta' l-appellant, pero` dan ma jfissirx li d-decizjoni li tat lok ghal dawk l-effetti hija att kontinwat. Huwa ovvju, ghalhekk, li d-decizjoni li minnha qed jilmenta l-appellant ittiehdet, fl-ahjar ipotesi ghall-appellant, ghall-inqas disa' xhur qabel ma huwa intavola l-proceduri odjerni, meta t-terminu ta' sitt xhur impost mill-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 kien ilu li skada.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------